Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15338/24
PV CONS 55
ECOFIN 1262

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

5 ta' Novembru 2024

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 14792/24.

**2. Approvazzjoni ta' punti "A"**
**a) Lista mhux leġiżlattiva** 14794/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**b) Lista leġiżlattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 14793/24

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

**1. Regolament dwar l-Istatistika Ewropea** 14180/24 + ADD 1
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* PE-CONS 65/24
STATIS

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 338(1) TFUE). Dikjarazzjoni għal dan il-punt tinsab fl-Anness.

**2. Direttiva dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni** 14179/24
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* PE-CONS 6/24
EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

**3. Direttiva li temenda d-direttiva Solvenza II** 14177/24
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* PE-CONS 5/24
EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 TFUE).

4. **Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 5/2024: aġġustamenti fl-approprjazzjoni ta' pagament, aġġornament tad-dħul u aġġornamenti tekniċi oħra** S C 14475/24 + ADD 1 14476/24 14348/24 FIN
*Adozzjoni*
*Approvazzjoni ta' ittra*

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-baġit emendatorju Nru 5/2024 (bażi legali: l-Artikolu 314 TFUE u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

5. **Regolament dwar it-trasferiment tal-proċedimenti f'materji kriminali** ❶ C 14482/24 + ADD 1 PE-CONS 72/24 COPEN
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biċ-Ċekja u s-Slovakkja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, il-punti (b) u (d) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma pparteċipatx fil-vot. Dikjarazzjoni għal dan il-punt tinsab fl-Anness.

Ambjent

6. **Regolament li jintroduċi moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali** ❶ C 14486/2/24 REV 2 PE-CONS 31/24 ENV
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biċ-Ċekja, il-Ġermanja u l-Portugall jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 338(1) TFUE).

7. **Direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (riformulazzjoni)** ❶Ⓒ 14488/1/24 REV 1 + ADD 1 REV 4 PE-CONS 85/24 ENV
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Ungerija u l-Polonja jivvutaw kontra u bl-Estonja tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE). Dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Suq Intern u Industrija

8. **Regolament dwar il-prodotti għall-bini** ❶Ⓒ 14247/1/24 REV 1 + ADD 1 REV 1 PE-CONS 12/24 MI
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Bulgarija tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

3. **Affarijiet oħra**
**Proposti leġiżlattivi attwali dwar is-servizzi finanzjarji** 14590/24
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza dwar il-ħidma li għaddejja fuq il-proposti leġiżlattivi dwar is-servizzi finanzjarji.

**4. Il-pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali"** S C 14964/24 + ADD 1

a) Direttiva fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali 14961/24
*Approċċ ġenerali* 14962/24

b) Regolament fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali
(Bażi legali: l-Artikolu 113 TUE)
*Qbil politiku*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali, u qbil politiku dwar ir-Regolament fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali.

## Attivitajiet mhux leġiżlattivi

**5. Il-pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali": Regolament ta' Implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT**
**(Bażi legali: id-Direttiva 2006/112/KE)** P C 14963/24
*Qbil politiku*

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċerti skemi tal-VAT.

6. Irkupru ekonomiku fl-Ewropa

a) Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
*Sitwazzjoni attwali*

b) Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza C 13789/24 + ADD 1 REV 1
(Bażi legali: l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241) 14663/24
*Adozzjoni* + ADD 1 REV 2

7. Impatt ekonomiku u finanzjarju tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna
*Skambju ta' fehmiet*

8. Rapport annwali tal-Bord Fiskali Ewropew 14130/24
*Skambju ta' fehmiet*

9. Konklużjonijiet dwar l-istatistika tal-UE 13790/1/24 REV 1
*Approvazzjoni* 14716/24

10. Segwitu għal-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2024
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*
*Skambju ta' fehmiet*

11. Affarijiet oħra

---

❶ L-ewwel qari

Deliberazzjoni pubblika

S Proċedura leġiżlattiva speċjali

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 14793/24**

**Dwar il-punt "A" nru 1:** **Regolament dwar l-Istatistika Ewropea**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA**

"Wara l-pożizzjoni kkomunikata qabel, nixtiequ nressqu kumment wieħed dwar it-tħassir tal-Artikolu 17b, is-subtaqsima 5. Il-Litwanja ssostni l-perspettiva li dan is-segment partikolari għandu jitneħħa, kif konna kkomunikajna qabel permezz ta' konsultazzjonijiet formali. Bl-appoġġ sħiħ tal-Parlament Nazzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja (Seimas), aħna tal-fehma li d-data miżmuma privatament, kif ukoll id-data derivata minn diversi sorsi, miksuba b'mod espliċitu għall-fini tal-istatistika uffiċjali, idealment għandha ssir aċċessibbli għall-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika (NSI) mingħajr l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet mhux ġustifikati jew it-talba għal kumpens għall-ispejjeż imġarrba mill-proprjetarji ta' tali data privata."

**Dwar il-punt "A" nru 4:** **Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 5/2024: aġġustamenti fl-approprjazzjoni ta' pagament, aġġornament tad-dħul u aġġornamenti tekniċi oħra**
*Adozzjoni*
*Approvazzjoni ta' ittra*

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-AWSTRIJA, IĊ-ĊEKJA, IL-ĠERMANJA, ID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, FRANZA, L-IRLANDA, IN-NETHERLANDS, IL-POLONJA U L-IŻVEZJA**

"L-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja u l-Iżvezja jinnotaw li n-nefqa amministrattiva jenħtieġ li tiġi ffinanzjata fin-nefqa regolari taħt l-intestatura 7 mingħajr ir-rikors għal strumenti speċjali. Aħna ninnotaw b'sodisfazzjon li disa' istituzzjonijiet kienu kapaċi jkopru l-ħtiġijiet addizzjonali għan-nefqa fuq is-salarji permezz ta' riallokazzjonijiet fl-ABE 5/2024. Fl-istess ħin, jiddispjaċina li l-Kumitat tar-Reġjuni, bħala l-unika istituzzjoni, ma pprovdiex finanzjament tal-ħtiġijiet addizzjonali permezz ta' riallokazzjonijiet."

**Dwar il-punt "A" nru 5:** **Regolament dwar it-trasferiment tal-proċedimenti f'materji kriminali**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MIĊ-ĊEKJA**

"Ir-Repubblika Ċeka kkunsidrat il-proposta għal Regolament dwar it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali bħala opportunità biex tiġi ssimplifikata, imtejba u armonizzata l-proċedura għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali bejn l-Istati Membri. Huwa għalhekk li ħadet sehem attiv ħafna fin-negozjati tagħha mill-bidu nett.

Ir-Repubblika Ċeka tapprezza ħafna li l-fatt li l-Presidenzi qisu bosta mill-kummenti tagħha u qiesu wkoll ħafna mill-proposti li għamlet matul il-proċess tan-negozjati.

Ir-Repubblika Ċeka tqis li huwa partikolarment pożittiv li r-Regolament:

- joħloq qafas uniformi għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali,
- jippermetti t-trasferiment ta' proċedimenti kriminali anke kontra trasgressur mhux magħruf,
- iżomm is-sistema ta' talbiet,
- jipprevedi l-possibbiltà li jiġi rrifjutat it-trasferiment ta' proċedimenti kriminali f'ċerti każijiet,
- huwa limitat esklużivament għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali.
- jistabbilixxi formola uniformi għat-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali u jistabbilixxi limiti ta' żmien għall-atti individwali tal-proċedura ta' trasferiment.

Mill-bidu tan-negozjati dwar l-abbozz tar-Regolament, ir-Repubblika Ċeka opponiet l-introduzzjoni ta' rimedju legali għal persuni suspettati/akkużati/vittmi kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment ta' proċediment kriminali. Sfortunatament, l-argumenti li ressaqna kontinwament ma ġewx ikkunsidrati matul in-negozjati u għalhekk dan l-obbligu fir-Regolament jibqa'. Aħna dan inqisuh bħala fundamentalment negattiv.

- Jekk id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni suspettati/akkużati garantiti mil-liġi tal-UE għandhom jinkisru bit-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, dawk id-drittijiet tal-persuni suspettati/akkużati li jistgħu jiġu affettwati mit-trasferiment tal-proċedimenti jridu jiġu identifikati b'mod ċar. Madankollu, ma hemm l-ebda dritt li wieħed jittieħdu passi kriminali kontrih jew le fi Stat Membru partikolari tal-UE. Element ewlieni tat-trasferiment tal-proċedimenti u t-tħassib ewlieni tiegħu huwa l-prinċipju tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-infurzar effettiv tagħha. Il-persuni suspettati/akkużati bilkemm jistgħu jkunu mistennija li jikkondividu dan il-prinċipju; l-interessi tagħhom spiss ikunu pjuttost differenti.
- Bl-istess mod, ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tal-vittmi bit-trasferiment tal-proċedimenti kriminali. Fl-Istati Membri tal-UE marbuta bid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, l-istandards tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali huma rispettati. F'xi Stati Membri, l-eżerċizzju tad-dritt tal-vittma jista' jkun "inqas komdu", iżda din ma għandhiex tkun raġuni biex tfixkel jew tostakola t-trasferiment tal-proċedimenti kriminali.
- Id-dritt għal rimedju legali (*l-istess japplika għall-obbligu li wieħed jikkonsulta minn qabel u jikseb opinjoni dwar it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, għalkemm parzjalment limitat fil-formulazzjoni attwali)* ma huwa previst fl-ebda dispożizzjoni normattiva tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

  Filwaqt li dan ir-Regolament ma jirregolax it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, minħabba li l-UPPE ma jeżerċitax il-ġuriżdizzjoni proprja tiegħu, iżda l-ġuriżdizzjoni kriminali tal-Istati Membri tal-UE marbuta bir-Regolament (UE) 2017/1939, dan ir-Regolament jipprevedi regoli għat-trasferiment ta' kawża kriminali minn ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru għal ieħor. Għalhekk qed noħolqu ambjent li fih ser isiru preferenzi ma' persuni suspettati/akkużati f'ċerti tipi ta' proċedimenti kriminali.

- Huwa pjuttost paradossali li, għalkemm ir-Regolament jagħti dritt ġdid għal rimedju legali, huwa effettivament jirrestrinġih ukoll għal dawk il-persuni li, taħt ċerti kundizzjonijiet, mhux ser jiġu innotifikati bid-deċiżjonijiet li jerġgħu jibdew il-proċedimenti kriminali; l-evalwazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet ma tistax tiġi rieżaminata u tiddependi fuq id-diskrezzjoni tal-awtorità ġudizzjarja tal-Istat rikjest. Ma narawx din ir-restrizzjoni de facto fuq l-aċċess għal rimedju, li tista' tkun potenzjalment problematika minn perspettiva kostituzzjonali, bħala soluzzjoni prammatika.

It-trasferiment ta' proċedimenti kriminali bejn l-Istati Membri huwa l-aħħar qasam ta' kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali li mhuwiex regolat b'mod uniformi bejn l-Istati Membri tal-UE. Sabiex tiġi ssodisfata l-intenzjoni oriġinali, biex jinħoloq Regolament modern, effettiv, sempliċi, ċar u faċli li jiġi applikat għall-prattikanti, ikun xieraq li jiġi ddedikat aktar ħin biex jiġi diskuss fil-format tal-grupp ta' ħidma COPEN.

Minkejja dan ta' hawn fuq, ir-Repubblika Ċeka tipperċepixxi u tapprezza l-isforzi li saru mill-Presidenzi matul in-negozjati tal-abbozz ta' Regolament, fi sforz biex tinkiseb il-formulazzjoni ta' kompromess tat-test ippreżentat bħalissa."

**Dwar il-punt "A" nru 7:** **Direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (riformulazzjoni)**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija mħassba dwar l-isfidi sinifikanti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva riformulata dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi li tirriżulta minn rekwiżiti aktar stretti rigward il-kwalità tal-ilma ttrattat u l-obbligi ta' monitoraġġ estiż. Inqisu li huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, filwaqt li jiġu pprovduti biżżejjed mekkaniżmi ta' appoġġ biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħha, inaqqsu l-piż finanzjarju fuq l-Istati Membri u jipproteġu l-popolazzjoni miż-żieda fil-prezzijiet għas-servizzi.

Filwaqt li t-test maqbul fil-biċċa l-kbira tiegħu jqis il-valutazzjonijiet preliminari tal-kapaċità ta' pajjiż li jissodisfa r-rekwiżiti ambizzjużi l-ġodda, nissottolinjaw li l-implimentazzjoni tkompli teħtieġ investimenti u kapaċità enormi għall-iżvilupp tan-network tad-drenaġġ, il-modernizzazzjoni tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, il-kontroll ta' sistemi individwali u oħrajn adatti u l-ġestjoni xierqa. Minkejja l-iskadenzi li ġew estiżi u xi bidliet oħrajn, nibqgħu mħassba dwar ir-riżorsi finanzjarji u ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proġetti rispettivi fil-Bulgarija, minħabba ż-żieda fil-prezzijiet fl-oqsma kollha, u dan jeħtieġ aġġornament tal-kostijiet u l-iskadenzi stmati.

Madankollu, il-Bulgarija tara l-ħtieġa li l-ambjent jiġi protett u tirrikonoxxi l-kontribut tal-att f'dan ir-rigward. Fl-istess ħin, il-Bulgarija tisħaq li jeħtieġ li jkun hemm bilanċ ġust bejn l-iżgurar ta' ambjent nadif u d-dritt għal aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa, marbuta mal-aspettattivi tal-pazjent ta' prodotti mediċinali sikuri, ta' kwalità u effettivi bi prezzijiet affordabbli fl-UE. Aħna nserrħu fuq il-Kummissjoni Ewropea biex taħdem sabiex tiżgura l-appoġġ neċessarju lill-Istati Membri, filwaqt li nissottolinjaw il-ħtieġa li tipprovdi fondi sinifikanti tal-UE biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kbar il-ġodda.

Id-dispożizzjonijiet dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR) għandhom impatt potenzjalment negattiv fuq il-kompetittività u l-attraenza globali tal-UE bħala ambjent favorevoli għall-produzzjoni. Impatti oħrajn potenzjalment negattivi qed jillimitaw id-disponibbiltà tal-prodotti mediċinali u żieda sostanzjali fil-kost u l-prezzijiet tagħhom, li hija problema partikolarment serja għal pajjiżi żgħar u ta' daqs medju bħall-Bulgarija. F'dan il-kuntest, nikkonfermaw it-tħassib espress fil-proċess ta' negozjati li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom il-potenzjal li jaffettwaw id-disponibbiltà u l-prezzijiet tal-prodotti mediċinali għall-pazjenti fil-Bulgarija. Bħala produttur ta' prodotti ġeneriċi, il-Bulgarija hija wkoll imħassba dwar l-effetti potenzjalment negattivi fuq il-kompetittività tal-industrija Bulgara.

L-adozzjoni tal-att u l-konklużjoni tan-negozjati fuq il-fajl ma jtaffux dan it-tħassib għall-Bulgarija. Kif ripetutament espress matul in-negozjati, aħna nibqgħu serjament imħassba dwar id-dispożizzjonijiet dwar l-EPR. Hemm rabta kawżali bejn ir-rekwiżiti regolatorji introdotti bid-Direttiva u l-konsegwenzi negattivi prevedibbli għall-industrija, il-konsumaturi u l-pazjenti. L-indiċjar potenzjali tal-prezzijiet ta' prodotti lesti, f'konformità mal-piżijiet finanzjarji addizzjonali li ġew introdotti, inevitabbilment ser jiġi inkorporat fil-prezz ta' prodotti għall-konsumatur finali, li konsegwentement ser jaffettwa negattivament l-affordabbiltà tat-trattament tal-pazjenti u s-sodisfazzjon tagħhom. Nemmnu li jeħtieġ li jinstabu mekkaniżmi biex tiġi ttrattata r-reżistenza għall-antimikrobiċi, iżda dan ma għandux isir billi jiġu rtirati l-manifatturi u l-mediċini jew billi jogħlew il-prezzijiet.

Il-Bulgarija tinsisti li jittieħed kont tal-fattibbiltà ekonomika u l-piż amministrattiv addizzjonali għall-produtturi ta' prodotti mediċinali. Minħabba d-data l-ġdida dwar il-valur reali tal-investimenti neċessarji u l-effett mistenni, nappellaw għal valutazzjoni oġġettiva mill-Kummissjoni Ewropew tal-implimentazzjoni tal-att, inkluż tal-piż finanzjarju addizzjonali reali fuq il-produtturi u l-Istati Membri. Jekk it-tħassib ta' xi partijiet ikkonċernati dwar l-istimi fil-valutazzjoni tal-impatt li huma sottostimati b'mod sinifikanti huwa kkonfermat, il-Bulgarija tħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu miżuri korrettivi fi żmien debitu, inkluż billi testendi b'mod sinifikanti l-perjodi tranżitorji għall-implimentazzjoni. Dan huwa partikolarment neċessarju fir-rigward tal-produzzjoni ta' antibijotiċi u prodotti mediċinali ġeneriċi oħrajn, li jistgħu jiġu rtirati mis-suq jew li l-prezz tagħhom jogħla b'mod sinifikanti. Id-dannu mistenni lill-industrija Ewropea, lill-konsumaturi u lill-pazjenti jitlob għar-reviżjoni f'waqtha u l-aġġornament tad-Direttiva.

Il-Bulgarija tappella għall-monitoraġġ tal-effetti tal-implimentazzjoni tal-aċċess għall-prodotti mediċinali u biex jittieħdu miżuri f'waqthom fil-każ ta' konsegwenzi negattivi, anke jekk dawn iseħħu biss fi Stat Membru wieħed.

Barra minn hekk, aħna mħassbin li l-obbligi introdotti mid-dispożizzjoni dwar l-EPR mhumiex proporzjonati mas-sehem tas-settur tal-kożmetiċi fl-emissjonijiet ta' mikrosustanzi niġġiesa. Ir-restrizzjonijiet fl-użu tal-mikropartikoli ta' polimeru sintetiku fil-prodotti kożmetiċi diġà kienu introdotti fl-2023 bil-leġiżlazzjoni sekondarja skont ir-Regolament REACH. L-industrija qed taħdem biex tissostitwihom b'alternattivi degradabbli, li ser inaqqsu t-tniġġis.

Ħafna mill-prodotti kożmetiċi kkonċernati huma prodotti mill-SMEs, li għalihom l-EPR ser jirrappreżenta piż finanzjarju u amministrattiv sinifikanti, inkluż f'termini ta' wirja ta' konformità mar-rekwiżiti ta' eżenzjoni.

B'kont meħud ta' dan, nemmnu li hemm kontradizzjonijiet mal-prinċipji tal-UE tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis ta' piżijiet bla bżonn."

## DIKJARAZZJONI MIĊ-ĊEKJA

"Iċ-Ċekja tappoġġa d-Direttiva riveduta dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD). Inqisu l-proposta bħala test ambizzjuż li ser jagħmilha possibbli li tissaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, b'mod partikolari kontra sorsi emerġenti ta' kontaminazzjoni.

B'mod ġenerali, iċ-Ċekja tappoġġa l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u l-mekkaniżmu tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) għall-finanzjament tas-sistemi ta' trattament kwaternarju biex jitnaqqsu l-preżenza u l-iskariku ta' mikrosustanzi niġġiesa f'ambjenti akkwatiċi.

Iċ-Ċekja, madankollu, taqsam it-tħassib ta' Stati Membri oħra rigward l-applikazzjoni tas-sistemi tal-EPR għall-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-impatt possibbli tagħhom fuq il-prezzijiet u l-aċċessibbiltà ta' dawn il-prodotti. Ninsabu mħassba li dawn l-impatti ma ġewx ivvalutati bis-sħiħ matul il-Valutazzjoni tal-impatt, speċjalment fid-dawl tan-nuqqasijiet attwali ta' prodotti mediċinali li jaffettwaw il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma. Ninsabu mħassba wkoll dwar l-impatt negattiv li jista' jkollha fuq id-disponibbiltà tal-prodotti mediċinali fuq il-lista ta' Mediċini Kritiċi tal-KE.

Iċ-Ċekja għalhekk tappella għal evalwazzjoni bir-reqqa u kontinwa tal-impatti tal-EPR fuq l-aspetti li ġejjin:

- Il-piż finanzjarju fuq il-baġits tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pazjenti;
- Id-disponibbiltà u l-għażla tat-trattament;
- L-effetti sekondarji fuq l-awtonomija strateġika u l-kompetittività globali tal-UE;
- L-effetti sekondarji fuq l-industrija farmaċewtika, inkluż fuq ir-rilokazzjoni tal-manifattura;
- Il-ħolqien ta' ostakli addizzjonali għad-dħul fis-suq;
- Kundizzjonijiet mhux ugwali tal-EPR bejn l-Istati Membri.

Jekk ikun evidenti li wieħed mill-oqsma msemmija hawn fuq huwa affettwat b'mod negattiv b'mod sproporzjonat mill-introduzzjoni tas-sistema EPR, inħeġġu lill-Kummissjoni tfittex miżuri biex ittaffi dawn l-effetti, inkluż rieżami possibbli tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UWWTD. Nappellaw ukoll lill-Kummissjoni biex tqis dawn l-aspetti matul it-tħejjijiet tal-atti ta' implimentazzjoni u tal-atti delegati rilevanti."

## DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja tappoġġa d-Direttiva riveduta dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD) bħala miżura importanti biex tittejjeb il-protezzjoni tal-ilmijiet u bħala kontribut kemm għat-tnaqqis ta' sustanzi kimiċi dannużi fl-ambjent kif ukoll għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Il-Ġermanja għalhekk qed tivvota favur l-adozzjoni tal-UWWTD.

Fl-istess ħin, huwa importanti li jinħolqu inċentivi għal min iniġġes biex jinvesti fl-iżvilupp ta' prodotti aktar ekoloġiċi, f'konformità mar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) speċifika għas-settur. Għadu mhux ċar sa liema punt dawn l-inċentivi ser ikunu effettivi, b'mod partikolari għall-prodotti mediċinali ġeneriċi. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-impatt taż-żieda fl-ispejjeż involuti b'konsegwenza tal-EPR, b'mod partikolari għall-prodotti mediċinali ġeneriċi, li għandhom rwol dominanti fil-Ġermanja, li jammontaw għal aktar minn 80 % tar-riċetti mediċinali, u fid-dawl tal-piż addizzjonali possibbli li jirriżulta fuq il-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Il-kura tal-pazjenti u l-aċċess għal mediċini ta' kwalità għolja iżda affordabbli huma essenzjali.

Barra minn hekk, irrispettivament mill-UWWTD, in-nuqqasijiet fil-provvista u d-dipendenzi fuq il-produzzjoni f'pajjiżi terzi qed jiżdiedu. F'dan il-kuntest, il-Gvern Federali jistenna li l-Kummissjoni Ewropea tieħu miżuri f'waqthom biex tissalvagwardja l-kura tal-pazjenti jekk jibdew jitfaċċaw xi effetti negattivi, b'mod partikolari jekk il-provvista ta' mediċini kritiċi tiġi affettwata minn nuqqas ta' provvista jew ħruġ mis-suq, kif ukoll jekk il-fondi tal-assigurazzjoni tas-saħħa jitgħabbew b'mod sinifikanti b'nefqa żejda b'riżultat tad-Direttiva. Dan jeħtieġ koordinazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, li għandha tiġi appoġġata u kkoordinata mill-Kummissjoni Ewropea.

Bħala ċentru ewlieni għall-industrija farmaċewtika, il-Ġermanja tirrakkomanda wkoll evalwazzjoni bikrija tal-EPR, mhux l-inqas sabiex jinżammu investimenti, innovazzjonijiet u produzzjoni importanti fl-UE. F'dan il-kuntest, ikun mixtieq ukoll li jitwettaq rieżami bikri tal-inklużjoni ta' setturi oħra fl-EPR. Insostnu wkoll li l-EPR jeħtieġ li tiġi implimentata b'mod uniformi madwar l-Ewropa, biex jiġi ggarantit il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Dan jinkludi, fil-fehma tal-Ġermanja, li jkun hemm lista armonizzata ta' sustanzi u l-ħsara tagħhom, u billi tingħata kunsiderazzjoni għall-armonizzazzjoni tal-istabbiliment ta' kontribuzzjonijiet biex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq."

**DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA**

"Nesprimu tħassib serju b'rabta mal-Artikolu 9 dwar l-applikazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) għall-prodotti farmaċewtiċi. Filwaqt li l-EPR tista' tkun sors utli ta' finanzjament biex tkopri l-kostijiet tat-trattament tal-ilma mormi mill-mikrosustanzi niġġiesa (trattament kwaternarju), din ma għandhiex tkun soluzzjoni obbligatorja jew l-unika waħda għall-Istati Membri. Meta japplikaw l-EPR, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jqisu l-kuntest nazzjonali speċifiku tagħhom rigward il-fattibbiltà teknika u l-vijabbiltà ekonomika tal-istabbiliment tal-EPR, kif ukoll implikazzjonijiet soċjoekonomiċi usa', b'mod partikolari d-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' prodotti mediċinali essenzjali u kritiċi. Meta jitqiesu dawn l-aspetti, l-Istati Membri għandu jkollhom aktar libertà li jistgħu jiddeċiedu dwar l-użu ta' sorsi ta' finanzjament alternattivi jew addizzjonali biex ikopru l-kostijiet tat-trattament kwaternarju u f'każijiet ġustifikati jkunu jistgħu jeżentaw ċerti kategoriji ta' prodotti mill-EPR.

Għalkemm naqblu li l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" huwa kunċett neċessarju li fuqu huwa msejjes il-ħarsien ambjentali, m'aħniex konvinti li huwa adatt għas-settur farmaċewtiku f'din id-Direttiva għar-raġunijiet li ġejjin.

L-ewwel nett, **il-valur miżjud ċar tal-EPR fil-każ tal-farmaċewtiċi ma ġiex ikkonfermat mill-istudju tal-fattibbiltà** (imwettaq bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni), peress li l-effett tal-EPR fuq il-bidla fl-imġiba jkun limitat ħafna. Minn naħa waħda, l-EPR x'aktarx li ma tinċentivax b'mod sinifikanti s-sostituzzjoni ta' ingredjenti attivi farmaċewtiċi fuq perjodu ta' żmien qasir sa wieħed medju, meta jitqiesu ċ-ċikli ta' innovazzjoni speċifiċi tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-pazjenti ma għandhomx l-għażla li jnaqqsu l-konsum tagħhom ta' prodott mediċinali medikament indikat jew li jaqilbu għal prodott ieħor.

F'dan ir-rigward, **l-aspetti etiċi mhumiex meqjusa biżżejjed**, peress li l-kostijiet addizzjonali ser jiġġarrbu mill-pazjenti, u dan ipoġġi piż sproporzjonat u inġust fuq il-gruppi tal-popolazzjoni f'sitwazzjoni vulnerabbli minħabba l-kundizzjoni tas-saħħa tagħhom.

It-tieni, aħna nosservaw bi tħassib li l-approċċ magħżul tas-sistema EPR ser jikkawża **trattament mhux ugwali bejn l-Istati Membri**. Ostakli addizzjonali għad-dħul fis-suq u ż-żieda fil-prezz ta' ċerti prodotti farmaċewtiċi jistgħu jaggravaw b'mod sinifikanti d-disponibbiltà u l-għażla tat-trattament, speċjalment fil-kuntest ta' swieq żgħar, li diġà qed jiffaċċaw irtirar frekwenti mis-suq minħabba raġunijiet ekonomiċi. Barra minn hekk, fl-Istati Membri mingħajr produzzjoni farmaċewtika lokali sostanzjali, il-kostijiet pjuttost ser jiġu ttrasferiti mill-manifattur għal atturi sussegwenti fil-katina tal-bejgħ.

Dan mhux ser jaqdi l-għan inizjali tar-responsabbiltà tal-produttur, peress li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-kostijiet tal-EPR x'aktarx li ser jiġu ttrasferiti għall-baġit tal-kura tas-saħħa u jżidu l-kopagamenti tal-pazjenti. L-introduzzjoni tal-EPR obbligatorja b'hekk ser ikollha **implikazzjonijiet soċjoekonomiċi negattivi iżda ser tinterferixxi wkoll fil-kompetenza tal-Istati Membri** fir-rigward tal-finanzjament tal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, mhumiex meqjusin biżżejjed **il-fattibbiltà ekonomika u l-piż amministrattiv**, speċjalment jekk l-għadd ta' "produtturi" jkun relattivament żgħir. Fi Stati Membri iżgħar b'konsum aktar baxx ta' prodotti farmaċewtiċi, l-introduzzjoni tal-EPR ser twassal għal piż finanzjarju mhux raġonevoli fuq ftit atturi fis-suq. Il-possibbiltà li jiġu koperti sa 20 % tal-kostijiet tal-kura kwaternarja permezz ta' finanzjament nazzjonali tista' ma tkunx biżżejjed biex jiġi evitat impatt negattiv fuq id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċini kritiċi.

It-tielet, għadu mhuwiex ċar **min huwa s-suġġett tar-responsabbiltà estiża tal-produttur** fil-każ tal-katina tal-provvista farmaċewtika, li tinvolvi ħafna atturi li jagħmlu l-prodott disponibbli fis-suq. Konsegwentement, minħabba kummerċ parallel dan jista' jwassal għal **tassazzjoni doppja**.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Estonja ma tistax tappoġġa d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trattament tal-ilma urban mormi u tastjeni mill-vot."

**DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA**

"Ir-Repubblika Ellenika tilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tirrevedi d-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD) u tappoġġa r-riformulazzjoni tagħha li timmira lejn ġestjoni integrata u sostenibbli tal-ilma, tnaqqis tat-tniġġis u aktar protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, f'allinjament mal-għanijiet u l-politiki tal-UE.

Filwaqt li l-Greċja tikkondividi l-objettivi ambjentali tat-test ta' kompromess tal-proposta, aħna nesprimu t-tħassib tagħna fir-rigward tar-rekwiżiti l-ġodda u ambizzjużi. L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni flimkien mal-obbligi l-ġodda huma ta' sfida peress li ser joħolqu bżonnijiet sinifikanti għall-investimenti, żieda fil-kostijiet operazzjonali, fil-kumplessità u fil-piż amministrattiv f'perjodu ta' żmien strett. L-estensjoni tal-limitu tal-popolazzjoni mistennija li twassal għal għadd kbir ħafna ta' agglomerazzjonijiet fil-Greċja obbligati japplikaw id-Direttiva, prinċipalment minħabba fluttwazzjonijiet kbar tal-popolazzjoni tagħhom minħabba l-karattru turistiku tagħhom. Ninsabu mħassba dwar l-affordabbiltà u s-sostenibbiltà ta' ħafna każijiet futuri fejn ir-residenti permanenti ser ikunu ftit ħafna meta mqabbla mal-popolazzjoni ekwivalenti.

Aħna partikolarment imħassba fir-rigward tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti ġodda bħan-newtralità enerġetika u r-responsabbiltà estiża tal-produttur. Fir-rigward tal-EPR, it-tħassib tagħna jiffoka prinċipalment fuq il-kumplessità u d-differenzjazzjonijiet tal-applikazzjoni tagħha li jistgħu jseħħu fi Stati Membri differenti kif ukoll l-impatti potenzjali fid-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċini.

Biex id-Direttiva l-ġdida tiġi implimentata bis-sħiħ, ser ikunu meħtieġa riżorsi finanzjarji konsiderevoli fil-qafas taż-żmien meħtieġ. Ser ikun meħtieġ appoġġ sostanzjali, kemm fir-rigward tal-finanzjament tal-UE kif ukoll fir-rigward tal-appoġġ tekniku u l-assistenza fi kwistjonijiet organizzattivi, xjentifiċi u amministrattivi.

Ninsabu fiduċjużi li dan it-tħassib ser jingħata kunsiderazzjoni xierqa meta d-Direttiva l-ġdida tidħol fis-seħħ, biex b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet tagħha bis-sħiħ u b'mod effettiv. Minkejja t-tħassib dwar l-applikazzjoni msemmi hawn fuq, relatat mar-rekwiżiti u mal-għanijiet ambizzjużi tad-Direttiva riveduta, naraw il-viżjoni usa' lejn protezzjoni mtejba tas-saħħa tal-bniedem, tar-riżorsi tal-ilma u tal-ambjent b'mod ġenerali."

**DIKJARAZZJONI MINN SPANJA**

"Spanja tikkondividi u tappoġġa l-ambizzjoni ambjentali tal-Unjoni Ewropea u għalhekk ser tivvota favur ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, filwaqt li tqisha bħala regolament ewlieni għat-titjib tal-istat tal-ambjent u tas-saħħa.

It-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tat-test ser ikunu sfida kbira għall-Istati Membri kollha, mhux biss minħabba l-objettivi l-ġodda proposti fid-Direttiva, iżda wkoll minħabba l-iskadenzi stretti biex dawn jintlaħqu. Għal din ir-raġuni, ser ikun meħtieġ l-appoġġ tal-istituzzjonijiet Ewropej matul il-proċess kollu.

L-introduzzjoni tat-trattament kwaternarju l-ġdid biex jiġi indirizzat it-tniġġis iġġenerat mill-mikrosustanzi niġġiesa, u l-finanzjament tiegħu permezz tal-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, għandu jsir billi jiġi żgurat li l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jiġi applikat b'mod ġust u proporzjonat. Dan it-trattament għandu jiġi implimentat b'tali mod li jissaħħaħ l-objettiv primarju li jiġi eliminat it-tniġġis fis-sors, filwaqt li jiġi żgurat li l-aċċess għall-prodotti elenkati fl-Anness III tad-Direttiva u l-affordabbiltà tagħhom ma jiġux affettwati mill-applikazzjoni tagħha.

Spanja għalhekk tistieden lill-Kummissjoni tfassal linji gwida malajr kemm jista' jkun biex tiżgura implimentazzjoni armonizzata bejn id-diversi Stati Membri, iżda wkoll biex tippermettilhom ċertu grad ta' libertà biex iġibu dawn ir-rekwiżiti f'konformità mal-oqfsa regolatorji nazzjonali.

L-atti delegati li għandhom jitħejjew għal dan l-għan għandhom ikunu akkumpanjati minn studju tal-impatt komplementari biex jiġu vvalutati l-effetti tal-iskema tal-EPR u l-effettività tagħha fit-tnaqqis tat-tniġġis fis-sors."

**DIKJARAZZJONI MINN FRANZA**

"Franza tappoġġa d-Direttiva riveduta dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD) u tqisha bħala test ambizzjuż li jqis l-effetti tat-tibdil fil-klima u li ser jgħin biex tissaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, b'mod partikolari minn sorsi emerġenti ta' kontaminazzjoni. Franza tappoġġa l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u l-iskema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-finanzjament tal-istabbiliment ta' sistemi ta' trattament kwaternarju biex jitnaqqsu l-preżenza u r-rilaxx ta' mikrosustanzi niġġiesa f'ambjenti akkwatiċi. Abbażi ta' dan, Franza tikkonferma l-impenn tagħha li tilħaq l-objettivi tad-Direttiva riveduta.

Madankollu, filwaqt li d-Direttiva riveduta ser tgħin biex jinħolqu inċentivi għall-mexxejja tal-industrija tagħna biex jinvestu fl-iżvilupp ta' prodotti aktar ekoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-mikrosustanzi niġġiesa, Franza ser timmonitorja mill-qrib l-importanza mogħtija fl-implimentazzjoni tagħha biex jiġu evitati effetti sekondarji detrimentali għall-industriji farmaċewtiċi u kożmetiċi, biex jiġi żgurat li ma naqalgħux għajnejna mill-għan ġenerali li jissaħħu l-awtonomija strateġika u l-kompetittività globali tal-UE. L-industriji tagħna jeħtieġ li jkunu jistgħu jippreservaw l-investimenti u l-innovazzjoni tagħhom (speċjalment fil-produzzjoni ta' prodotti aktar responsabbli) fit-territorji tagħna. Fir-rigward tal-prodotti mediċinali, l-implimentazzjoni tad-Direttiva ma tridx toħloq ir-riskju ta' żieda fin-nuqqasijiet billi tinkoraġġixxi r-rilokazzjoni, f'kuntest ta' prezzijiet regolati.

Fl-aħħar nett, Franza tistieden lill-Kummissjoni tikkalibra b'mod fin it-tħejjija tagħha tal-att delegat futur, fir-rigward tal-istabbiliment tal-lista ta' sustanzi li ser jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-kontributuri għall-EPR, u għalhekk tistieden lill-Kummissjoni biex ma tqiegħedx piż eċċessiv fuq ċerti impriżi. Franza tirrakkomanda wkoll li l-implimentazzjoni tiġi armonizzata fost id-diversi Stati Membri sabiex jinżamm il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Għal dawn ir-raġunijiet, Franza ser tiżgura li l-informazzjoni kollha meħtieġa tkun disponibbli lill-Kummissjoni u tirrakkomanda li titwettaq valutazzjoni tal-impatt komplementari mmirata biex tgħin fit-tħejjija tal-att delegat."

**DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA**

"L-Italja tappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva riveduta dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, b'mod partikolari l-komponenti innovattivi tagħha, li ser tippromwovi miżuri biex jiġu miġġielda l-effetti tat-tibdil fil-klima, bħall-irkupru tan-nutrijenti u tal-materjali, l-użu effiċjenti tal-enerġija, l-użu mill-ġdid tal-ilma ttrattat u tal-ħama u l-ġestjoni mtejba tal-ilma tax-xeba' urban.

L-Italja tqis li l-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida ser tkun ta' sfida kbira u ser tirrikjedi investiment sinifikanti. Din hija r-raġuni għaliex tqis li huwa essenzjali u tappella lill-Kummissjoni biex tiżgura li jkunu disponibbli fondi adegwati tal-UE biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva, b'mod partikolari l-konverżjoni tal-enerġija tas-settur tal-ilma mormi.

L-Italja tappella wkoll biex il-ħidma fuq l-aġġornament tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tinbeda malajr kemm jista' jkun sabiex jiġi ffaċilitat rieżami f'waqtu tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) tad-Direttiva u biex sussegwentement tiġi estiża l-iskema tal-EPR għal setturi oħra għajr il-farmaċewtiċi u l-kożmetiċi, u b'hekk jiġi żgurat li l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jiġi applikat bis-sħiħ."

**DIKJARAZZJONI MINN ĊIPRU**

"Ir-Repubblika ta' Ċipru tikkondividi l-objettivi ambjentali ġenerali tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, u għalhekk tappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma urban mormi (riformulazzjoni).

Madankollu, intwera li l-implimentazzjoni tad-Direttiva attwali hija diffiċli ħafna, u għalhekk, Ċipru jibqa' jħaddan tħassib leġittimu assoċjat maż-żieda fil-piż amministrattiv, l-ispejjeż finanzjarji sinifikanti, u l-perjodu ta' żmien pjuttost limitat għall-konformità ta' Ċipru mar-rekwiżiti aktar ambizzjużi tad-Direttiva l-ġdida. B'mod partikolari, fil-każ ta' Ċipru dawn il-karatteristiċi uniċi jinkludu: in-nuqqas ta' xmajjar jew lagi, il-fond kbir tal-ilma ta' taħt l-art (f'ħafna każijiet aktar minn mitt metru fond) u l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-ilma mormi ttrattat tagħna jintuża għat-tisqija agrikola. Fil-fatt, il-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara ta' Ċipru jikkonfermaw li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-ebda korp tal-ilma ma jiġi affettwat b'mod negattiv mill-iskariki tal-ilma mormi.

L-isfidi li qed niffaċċaw fl-implimentazzjoni tad-Direttiva attwali, minkejja l-aħjar sforzi tagħna u l-impenn politiku ġenwin, huma sintomatiċi ta' kemm ser ikun diffiċli li tiġi implimentata d-Direttiva l-ġdida li żiedet l-ambizzjoni b'mod sinifikanti. B'mod partikolari, s'issa ma stajniex nikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva attwali għal 28 agglomerazzjoni minn total ta' 57 agglomerazzjoni. Id-dewmien li nqala' huwa marbut mal-ispejjeż ekonomiċi enormi, il-piż amministrattiv kbir, l-iskoperta ta' sejbiet arkeoloġiċi matul ix-xogħlijiet u l-ħtieġa għal koordinazzjoni estensiva tal-gvern u konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali. Il-Programm Nazzjonali ta' Implimentazzjoni (NIP-2020) rivedut tagħna ppreżentat lill-Kummissjoni Ewropea fit-30 ta' Ġunju 2022 u l-aħħar Programm Nazzjonali ta' Implimentazzjoni (NIP-2022) rivedut ippreżentat lill-Kummissjoni Ewropea fit-30 ta' Ġunju 2024, stabbilixxew l-2030 bħala d-data tat-tmiem għall-konformità sħiħa mad-Direttiva 91/271/KEE.

Il-limitu l-ġdid ta' agglomerazzjonijiet ta' 1 000 e.p. ser jagħmilha diffiċli ħafna għal Ċipru biex isib ir-riżorsi meħtieġa biex jibni sistemi ta' ġbir u trattament sekondarju f'26 agglomerazzjoni addizzjonali. Ta' min jinnota li minħabba d-daqs ta' pajjiżna, għandna għadd limitat ħafna ta' kuntratturi li jistgħu jeżegwixxu s-sistemi meħtieġa.

Minkejja d-diffikultajiet serji fl-implimentazzjoni, Ċipru jappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (riformulazzjoni) minħabba li nifhmu l-importanza tagħha għall-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.

Ċipru huwa kunfidenti li dan it-tħassib ser jingħata kunsiderazzjoni xierqa meta d-Direttiva l-ġdida tidħol fis-seħħ, inkluż permezz tas-salvagwardja ta' finanzjament suffiċjenti tal-UE li ser jippermetti lill-Istati Membri jissodisfaw ir-rekwiżiti finanzjarji sinifikanti tad-Direttiva."

**DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA**

"Il-Latvja tappoġġa d-Direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, li għandha l-għan li tipproteġi aħjar l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem. Matul in-negozjati, il-Latvja ripetutament esprimiet appoġġ għall-aġġornament tar-rekwiżiti dwar il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi, kif ukoll dwar is-sostenibbiltà u l-effiċjenza dejjem akbar tas-settur tal-ġestjoni tal-ilma mormi.

Madankollu, ta' min jinnota li l-implimentazzjoni tad-Direttiva hija assoċjata ma' sfidi sinifikanti.

B'mod ġenerali, il-Latvja temmen li s-sistema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) hija għodda effettiva għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Madankollu, la l-Latvja u lanqas pajjiżi oħra ma stabbilew qabel is-sistema tal-EPR fil-qasam tal-ġestjoni tal-ilma mormi u ma applikawx is-sistema tal-EPR għall-farmaċewtiċi.

Naqsmu t-tħassib ta' Stati Membri oħra rigward l-applikazzjoni tas-sistemi tal-EPR għall-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u l-impatt possibbli fuq il-prezzijiet u l-aċċessibbiltà ta' dawn il-prodotti għall-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli. Ninsabu mħassba wkoll li dawn l-impatti ma ġewx ivvalutati bis-sħiħ matul il-valutazzjoni tal-impatt, u li n-nuqqasijiet attwali ta' prodotti mediċinali li jaffettwaw ħafna Stati Membri ma ġewx ikkunsidrati kif xieraq. Għalhekk, nistiednu lill-Kummissjoni tkompli tevalwa dawn l-impatti anke wara l-adozzjoni, u taġixxi kif xieraq, jekk ikun meħtieġ.

Għadna nemmnu li l-kisba tan-newtralità enerġetika ser tkun ta' sfida kbira, b'mod partikolari għall-impjanti iżgħar tat-trattament tal-ilma mormi urban, li għalihom mhux is-sorsi kollha tal-enerġija rinnovabbli huma teknikament u ekonomikament fattibbli.

Fl-aħħar nett, irridu nżommu f'moħħna l-ispejjeż futuri enormi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-infrastruttura għall-ġestjoni tal-ilma mormi tissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-direttiva. L-implimentazzjoni ser titlob investimenti sostanzjali matul il-15-20 sena li ġejjin, li jammontaw għal mill-inqas diversi biljuni ta' euro fil-Latvja.

Dawn l-ispejjeż ma jistgħux jiġġarbu kompletament biss mill-utenti tas-servizzi tal-ġestjoni tal-ilma mormi. Ser inkomplu nenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi finanzjarji xierqa, inkluż mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss."

**DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA**

"Il-Litwanja tappoġġa r-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, li tallinja mal-għanijiet tal-UE għall-protezzjoni ambjentali u l-kwalità tal-ilma. Il-Litwanja tappoġġa l-enfasi tad-Direttiva fuq it-titjib tal-infrastruttura tat-trattament tal-ilma mormi u t-tnaqqis tat-tniġġis, li t-tnejn li huma huma kritiċi għas-salvagwardja tar-riżorsi tal-ilma tagħna.

Madankollu, il-Litwanja ssib li l-livell attwali ta' ambizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kalendarju għall-implimentazzjoni u l-allokazzjoni tar-riżorsi, huwa eċċessivament għoli. Dan joħloq sfidi sinifikanti, speċjalment għall-Istati Membri b'diversi infrastrutturi u kapaċitajiet ekonomiċi differenti. Il-Litwanja trid tagħraf li anke d-Direttiva attwali (91/271/KEE) kienet ta' sfida biex tiġi implimentata bis-sħiħ, u ħafna Stati Membri, inkluż il-Litwanja, għadhom qed jaħdmu lejn il-konformità. Dan jagħmel l-ambizzjoni akbar tad-Direttiva riveduta saħansitra aktar diffiċli biex tinkiseb.

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari l-obbligu li l-agglomerazzjonijiet kollha jiġu konnessi minn 1 000 e.p., tqiegħed piż finanzjarju sinifikanti fuq il-Litwanja. Minħabba s-sitwazzjoni ġeografika u demografika tagħha, speċjalment f'insedjamenti iżgħar fejn it-tnaqqis fil-popolazzjoni minħabba l-migrazzjoni huwa realtà, l-installazzjoni ta' sistemi ta' ġbir tal-ilma mormi jista' jkollha impatt negliġibbli fit-tnaqqis u l-prevenzjoni tat-tniġġis. F'dawn il-każijiet, l-investiment mhuwiex ġustifikat mil-lat ekonomiku.

Il-Litwanja taċċetta wkoll l-għan komuni li timplimenta l-prinċipju tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR) b'mod aktar effettiv. Madankollu, il-Litwanja għandha d-dubji dwar ir-raġunament għall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-EPR esklużivament għall-industriji farmaċewtiċi u kożmetiċi. Il-Litwanja tinnota li l-valutazzjoni tal-impatt tad-Direttiva dwar l-industrija farmaċewtika, inkluż l-aċċessibbiltà u l-ipprezzar tal-prodotti mediċinali, ma ġietx ivvalutata bis-sħiħ, b'mod partikolari fil-kuntest tan-nuqqasijiet attwali ta' prodotti mediċinali u l-isforzi kontinwi biex tiġi żgurata l-awtonomija tal-industrija farmaċewtika tal-UE. Il-Litwanja temmen bis-sħiħ li d-Direttiva għandha tkopri s-setturi kollha li jarmu mikrosustanzi niġġiesa biex tiġi żgurata applikazzjoni komprensiva u ġusta tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Il-Litwanja hija mħassba dwar il-fattibbiltà u l-infurzabbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet u kif dawn ser jaffettwaw mhux biss il-manifatturi tagħha f'dawn is-setturi iżda wkoll il-provvisti tal-prodotti importanti minn Stati Membri oħra. Fir-rigward tal-EPR, il-Litwanja kienet tippreferi li l-kostijiet tat-trattament kwaternarju jinqasmu b'mod aktar ekwu permezz ta' applikazzjoni aktar b'saħħitha tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".

Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida ser teħtieġ riżorsi finanzjarji konsiderevoli. Bħal ħafna Stati Membri oħra, il-Litwanja qed tiffaċċa sfidi fil-finanzjament tat-titjib tal-infrastruttura u l-kostijiet operazzjonali meħtieġa. L-ambizzjoni tad-Direttiva ma tistax tiġi ssodisfata mingħajr appoġġ finanzjarju sostanzjali, u l-Litwanja tenfasizza l-ħtieġa għal finanzjament tal-UE ddedikat biex jassisti lill-Istati Membri jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva. Mingħajr dan l-appoġġ finanzjarju, il-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tad-Direttiva, speċjalment fi Stati Membri iżgħar, hija dubjuża."

**DIKJARAZZJONI MINN MALTA**

"Malta dejjem għarfet u appoġġat l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza s-sors tat-tniġġis fl-ilmijiet tagħna u li fl-aħħar mill-aħħar, tikseb tniġġis żero fl-Unjoni Ewropea.

Filwaqt li, minn perspettiva ta' implimentazzjoni, Malta tifhem ir-raġunament wara l-iskemi tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR) u filwaqt li tirrikonoxxi l-benefiċċji li skemi bħal dawn iġibu magħhom, Malta tibqa' tal-fehma li mhuwiex aċċettabbli li l-pazjenti jġarrbu l-piż finanzjarju aħħari. F'dan ir-rigward, Malta tirrikonoxxi b'mod pożittiv l-emendi introdotti fid-Direttiva biex tippermetti l-flessibbiltajiet meħtieġa biex jiġu indirizzati l-impatti potenzjali tal-iskemi tal-EPR fuq l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċini fil-livell nazzjonali, billi tippermetti lill-Istati Membri jiffinanzjaw parti mill-kostijiet tat-trattament kwaternarju f'każ li jseħħu tali impatti.

Minkejja dan, Malta temmen li l-ambizzjoni ma jridx ikollha prezz soċjali sproporzjonat. F'konformità mal-pożizzjoni adottata mill-bidu tan-negozjati fil-Kunsill, Malta għad għandha tħassib politiku kbir dwar l-applikazzjoni tal-estensjoni proposta tal-EPR biex tkopri l-mediċini kollha fl-Anness III. Il-pazjenti li jkunu qed jirċievu kura ftit li xejn ikollhom kontroll fuq il-mod li bih jirċievu din il-kura, ħafna inqas għażla dwar it-tip ta' mediċina preskritta. It-test attwali, filwaqt li jżid b'mod sinifikanti l-flessibbiltà li permezz tagħha jistgħu jiġu żviluppati skemi EPR fl-Istati Membri rispettivi, xorta ma jipprovdix biżżejjed salvagwardji biex jiġi żgurat li l-impatt finanzjarju (anke jekk marġinali) fuq l-industrija farmaċewtika mhux ser jispiċċa jaffettwa lill-pazjenti.

Malta temmen li biż-żieda fil-prezz ta' ċerti farmaċewtiċi d-disponibbiltà u l-għażla tat-trattament jmorru konsiderevolment għall-agħar, partikolarment għal suq żgħir bħas-suq ta' Malta. Fl-aħħar mill-aħħar dan jagħmilha saħansitra agħar għall-pazjenti, li huma l-aktar vulnerabbli.

Huwa f'dan l-ispirtu li, filwaqt li tkompli temmen li fil-ħidma tal-Unjoni Ewropea għal ilma ta' kwalità aħjar, Malta tafferma li din id-Direttiva m'għandhiex tipperikola l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' prodotti vitali bħal mediċini li huma neċessità u mhux lussu."

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"L-Awstrija tappoġġa l-approċċ meħud fid-Direttiva riveduta dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD) u tqisha miżura importanti għall-protezzjoni fit-tul u sostenibbli tal-kwalità tal-ilma. L-Awstrija għalhekk qed tivvota favur l-adozzjoni tal-UWWTD. Fl-istess ħin, huwa importanti li jinħolqu inċentivi għal min iniġġes biex jinvesti fl-iżvilupp ta' prodotti aktar ekoloġiċi, f'konformità mar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) speċifika għas-settur. F'dan il-kuntest, l-Awstrija tixtieq tiġbed l-attenzjoni għat-tħassib tal-industriji farmaċewtiċi u kożmetiċi u tisħaq li ssir evalwazzjoni bikrija fir-rigward tar-responsabbiltà estiża tal-produttur.

Dan jikkontribwixxi wkoll għall-objettiv ġenerali li jissaħħu l-awtonomija strateġika u l-kompetittività globali tal-UE f'setturi sensittivi u jżomm investimenti, innovazzjonijiet u produzzjoni importanti – pereżempju fis-settur farmaċewtiku – fl-UE."

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"Il-Polonja tirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi emendata d-Direttiva attwali dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi.

Il-Polonja tappoġġa l-viżjoni usa' tal-Kummissjoni Ewropea għal regolamenti ġodda. L-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u politiki Ewropej oħra għandhom jitqiesu fil-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar it-trattament tal-ilma mormi. Is-settur Pollakk tal-ilma u tal-ilma mormi huwa involut f'għadd ta' attivitajiet relatati ma': l-azzjoni klimatika, l-effiċjenza fl-enerġija, l-ekonomija ċirkolari u l-ambizzjonijiet ta' "tniġġis żero". Minkejja attivitajiet ġodda li għaddejjin bħalissa, waħda mill-akbar sfidi tibqa' l-iżgurar ta' konformità sħiħa mad-Direttiva eżistenti dwar l-Ilma Urban Mormi (91/271/KEE). Għadhom meħtieġa investimenti kbar u ħafna miżuri għaljin għal: l-estensjoni tan-network tad-drenaġġ, it-titjib tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, il-monitoraġġ tas-sistemi individwali u l-ġestjoni xierqa.

It-test ta' kompromess tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi juri ambizzjoni kbira. Id-Direttiva l-ġdida ser teħtieġ kemm skadenzi twal għall-implimentazzjoni (eż. għal skopijiet ta' investiment) kif ukoll finanzjament konsiderevoli u sforzi organizzattivi. Barra minn hekk, iridu jiġu pprovduti fondi tal-UE biex jissodisfaw l-obbligi l-ġodda li jirriżultaw mid-Direttiva.

Il-Polonja hija mħassba dwar l-issikkar tar-rekwiżiti u t-tqassir tal-iskadenzi meta mqabbla mal-kompromess milħuq skont l-Approċċ Ġenerali, adottat fis-16 ta' Ottubru 2023.

Il-Polonja ttenni t-tħassib tagħha rigward il-fattibbiltà ta' dispożizzjonijiet li jagħmluha possibbli li tiġi applikata r-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR), peress li d-Direttiva proposta ma tkoprix is-setturi kollha li jarmu mikrosustanzi niġġiesa (tkopri tnejn biss: kożmetiċi u farmaċewtiċi), biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".

Barra minn hekk, l-estensjoni tad-Direttiva għal agglomerazzjonijiet ta' bejn 1 000 u 2 000 e.p. ser tirrikjedi investimenti kbar u spejjeż operattivi għoljin, li ser ikollhom impatt ukoll fuq it-tariffi tal-ġbir tal-ilma mormi.

Barra minn hekk, il-konsegwenzi diżastrużi tal-għargħar fil-Polonja jitolbu impenn finanzjarju sinifikanti għall-bini mill-ġdid tal-infrastruttura. Fid-dawl ta' dan, ser ikun diffiċli li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva, li ser tinvolvi wkoll nefqa finanzjarja sinifikanti.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ma tistax tappoġġa l-abbozz ta' Direttiva u tivvota kontra l-adozzjoni tagħha."

**DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL**

"Il-Portugall jappoġġa bis-sħiħ l-objettivi tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, filwaqt li jirrikonoxxiha bħala pass ambizzjuż u essenzjali lejn it-titjib tal-protezzjoni tal-korpi tal-ilma, l-indirizzar tal-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-kisba tal-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD).

Il-Portugall jemmen li d-Direttiva ser issaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, b'mod partikolari fil-mitigazzjoni tas-sorsi emerġenti ta' kontaminazzjoni.

Madankollu, il-Portugall jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni b'suċċess tad-Direttiva ser tkun sfida, li tirrikjedi investiment konsiderevoli u għarfien profond ta' approċċi bbażati fuq ir-riskju. Waħda mid-diffikultajiet ewlenin tinsab fl-istima tat-tagħbijiet ta' sustanzi niġġiesa mit-tifwir tal-ilma tal-maltemp, li ser jirrikjedi tekniki ta' valutazzjoni sofistikati. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) toħloq sfida sinifikanti.

Il-Portugall jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat skambju robust ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fl-implimentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, b'mod partikolari fir-rigward tas-settur farmaċewtiku. Id-diskrepanzi jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-swieq domestiċi, u għalhekk l-allinjament bejn il-pajjiżi ser ikun kruċjali.

L-industriji għandhom ikomplu jżommu l-investimenti u l-innovazzjoni tagħhom, speċjalment fil-produzzjoni ta' prodotti aktar responsabbli fil-pajjiż. Iż-żamma ta' bilanċ bejn l-objettivi ambjentali u l-kompetittività industrijali ser tkun kruċjali biex jiġi żgurat progress sostenibbli.

Minkejja dawn l-isfidi, il-Portugall jibqa' impenjat li jagħti kontribut sinifikanti għall-objettivi tad-Direttiva. Il-Portugall huwa impenjat li jippromwovi l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien ma' Stati Membri oħra biex jiżgura l-implimentazzjoni b'suċċess tad-Direttiva. Dan l-approċċ kooperattiv ser ikun strumentali biex jingħelbu d-diffikultajiet assoċjati mar-responsabbiltà estiża tal-produttur u biex jitmexxew 'il quddiem l-objettivi tal-protezzjoni ambjentali tad-Direttiva.

Bħala konklużjoni, il-Portugall huwa impenjat bis-sħiħ għas-suċċess tad-Direttiva u huwa lest li jagħmel kontributi sinifikanti u jimpenja ruħu fi sforzi kollaborattivi biex isaħħaħ il-protezzjoni ambjentali u s-saħħa pubblika madwar l-Ewropa. Il-Portugall għalhekk jappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi."

**DIKJARAZZJONI MIR-RUMANIJA**

"Ir-Rumanija tesprimi l-appoġġ tagħha għat-test ta' kompromess finali tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (riformulazzjoni). Filwaqt li napprovaw l-għan ġenerali tal-proposta li t-trattament tal-ilma mormi urban jiġi allinjat mal-aħħar żviluppi xjentifiċi u mal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero, nixtiequ nenfasizzaw li ċerti rekwiżiti ser ikunu diffiċli u għaljin biex jiġu implimentati.

Nenfasizzaw li l-eżekuzzjoni b'suċċess tad-Direttiva ser tirrikjedi investimenti sinifikanti fuq perjodu estiż, li ser ikollhom impatt fuq id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tas-servizzi tal-ġestjoni tal-ilma mormi, l-aktar fiż-żoni rurali. Dan huwa partikolarment kruċjali minħabba li għad hemm ħidma sostanzjali biex tiġi implimentata bis-sħiħ id-Direttiva attwali (91/271/KEE). Napprezzaw li d-Direttiva l-ġdida tirrikonoxxi l-isfidi uniċi li qed jiffaċċaw l-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni aktar reċentement, inkluż ir-Rumanija.

L-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva ser jeħtieġu finanzjament minn diversi sorsi, inkluż appoġġ finanzjarju sostanzjali minn fondi nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi agglomerazzjonijiet b'popolazzjonijiet bejn l-1 000 u t-2 000 ruħ ser jirrikjedi investimenti konsiderevoli u jwassal għal kostijiet operazzjonali ogħla. Nixtiequ nenfasizzaw tħassib nazzjonali speċifiku: minħabba xejriet li qed tonqos il-popolazzjoni, it-tnaqqis tal-limitu jżid il-probabbiltà li xi agglomerazzjonijiet daqt jistgħu jaqgħu taħt dan il-limitu, li jista' jikkomprometti l-kosteffiċjenza u jgħolli l-ispejjeż mhux neċessarji. Ir-Rumanija għandha wkoll riżervi rigward l-impatt tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR), b'mod partikolari peress li dawn jirreferu għall-farmaċewtiċi.

Mid-diskussjonijiet intensivi li kellna mal-industrija, l-implimentazzjoni tal-EPR ser twassal għal spejjeż estremament għoljin li ser jaffettwaw id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċini, b'mod partikolari dawk ġeneriċi. Sitwazzjoni bħal din tista' twassal għal kriżi tas-saħħa għall-popolazzjoni tagħna. Mill-bidu nett, issottolinjajna l-ħtieġa li tiġi implimentata l-EPR fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat trattament ekwu fost l-Istati Membri. Għalhekk, inħeġġu lill-Kummissjoni tiffaċilita d-diskussjonijiet immirati lejn il-kisba ta' implimentazzjoni uniformi tal-EPR fl-Istati Membri kollha, filwaqt li tiżgura li ma timponix piżijiet żejda fuq il-popolazzjonijiet li jeħtieġu mediċini."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVENJA**

"Is-Slovenja tappoġġa u timpenja ruħha għall-objettivi tad-Direttiva dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (riformulazzjoni) li ser jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi fl-ilma kif ukoll għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-użu effiċjenti tal-enerġija u għall-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari billi jinkoraġġixxu l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat u l-ipproċessar tal-ħama u tan-nutrijenti.

Is-Slovenja tilqa' l-estensjoni maqbula tal-iskadenzi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda jew imsaħħa tad-direttiva. Madankollu, is-Slovenja temmen li xi wħud mill-objettivi huma ambizzjużi ħafna u ser ikunu meħtieġa xi miżuri teknikament u ekonomikament impenjattivi ħafna biex dawn jintlaħqu. Għalhekk, is-Slovenja tħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura biżżejjed fondi tal-UE biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri.

Is-Slovenja tilqa' l-ambizzjonijiet tat-twettiq ta' infrastruttura xierqa għall-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban, kif ukoll tat-tnaqqis tal-limitu għad-daqs tal-agglomerazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Fl-istess ħin is-Slovenja tilqa' d-dispożizzjonijiet li jippermettu xi flessibbiltà skont ċirkostanzi nazzjonali jew lokali speċifiċi, speċjalment ċirkostanzi ġeografiċi, jew kundizzjonijiet lokali speċifiċi oħra. Madankollu, is-Slovenja hija tal-fehma li tkun meħtieġa saħansitra aktar flessibbiltà fir-rigward tal-użu ta' sistemi individwali għall-ġbir u t-trattament tal-ilma urban mormi. Nenfasizzaw it-tħassib speċifiku tagħna rigward ir-rekwiżit vag li jinkiseb l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent li jrid jinkiseb minn sistemi individwali, kif ukoll rigward il-limitu uniformi ta' 2 % għall-użu ta' sistemi individwali fil-livell nazzjonali li ma jqisx il-varjetà ta' ċirkostanzi fil-livelli tal-UE, nazzjonali jew lokali.

Is-Slovenja tappoġġa l-implimentazzjoni msaħħa tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas". Madankollu, is-Slovenja tfakkar li r-rekwiżiti dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur mhumiex ċari biżżejjed. F'dan ir-rigward is-Slovenja tilqa' l-obbligu tal-Kummissjoni li tipprovdi skambju ta' informazzjoni u tistenna bil-ħerqa l-iskambju tal-esperjenza u tal-prattiki tajba.

Is-Slovenja tindika wkoll li l-implimentazzjoni tal-obbligu l-ġdid għat-trattament kwaternarju u l-kisba tal-objettivi f'dan ir-rigward ser ikunu sfida sinifikanti fil-livell nazzjonali. L-istess jgħodd għall-ambizzjonijiet dwar il-kisba tan-newtralità enerġetika ta' dan is-settur. Is-Slovenja temmen li l-kontribut ta' dan is-settur għall-kisba tal-għanijiet klimatiċi huwa meħtieġ, u minn din il-perspettiva tappoġġa l-isforzi biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fis-settur. Madankollu, is-Slovenja tixtieq tfakkar it-tħassib tagħha fir-rigward tal-fattibbiltà li tinkiseb in-newtralità enerġetika fis-settur fil-livell nazzjonali.

Barra minn hekk, is-Slovenja tfakkar it-tħassib tagħha dwar ir-rekwiżiti ambizzjużi għall-ġbir u l-ġestjoni tal-informazzjoni ta' dik l-informazzjoni.

Minkejja tħassib serju relatat mal-objettivi ambizzjużi msemmija hawn fuq, is-Slovenja madankollu tirrikonoxxi d-direttiva riveduta bħala pass importanti lejn protezzjoni msaħħa tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, u għaldaqstant tivvota għall-adozzjoni ta' din id-Direttiva."

**Dwar il-punt "A" nru 8:** **Regolament dwar il-prodotti għall-bini**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tqis li r-Regolament il-ġdid dwar il-Prodotti għall-Bini huwa att ewlieni fil-qasam tas-suq uniku tal-UE, fil-kuntest tar-rwol importanti li s-settur tal-kostruzzjoni għandu fl-ekonomija ġenerali tal-UE.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa kompletament l-għan tar-Regolament il-ġdid minħabba:

il-ħtieġa li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-applikazzjoni prattika tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, u

il-ħtieġa li jiġi aġġornat il-qafas legali għall-prodotti għall-bini, filwaqt li jitqiesu r-realtajiet ġodda tas-suq, inkluż billi jiġu introdotti prinċipji tal-ekonomija ċirkolari.

F'dan is-sens nagħrfu l-isfida li l-koleġiżlaturi qed jiffaċċaw fl-adozzjoni ta' Regolament ambizzjuż u kompletament ġdid dwar il-Prodotti għall-Bini, li huwa att leġiżlattiv kumpless minħabba l-interkonnessjoni tiegħu ma' għadd ta' atti leġiżlattivi oħra tal-UE relatati mas-suq uniku. Madankollu, fl-istess ħin jiddispjaċina ħafna li d-diskussjonijiet fit-tul fil-Kunsill, li jinvolvu diskussjonijiet dwar aspetti speċifiċi għal kull raggruppament, ma għamluhiex possibbli li t-test finali tar-Regolament jitqies bis-sħiħ u fi żmien raġonevoli.

Nenfasizzaw li fil-qasam tal-armonizzazzjoni teknika, il-prinċipju gwida għall-Bulgarija dejjem kien l-aderenza mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, u l-aktar importanti mal-għan li jinkisbu qafas regolatorju ċar u leġiżlazzjoni li tibqa' valida fil-futur, li jwieġbu b'mod adegwat għall-isfidi u l-ħtiġijiet attwali tas-suq u jevitaw piżijiet mhux meħtieġa, kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

F'dan il-kuntest, nemmnu li l-għan aħħari tat-titjib tal-qafas leġiżlattiv attwali fis-settur tal-prodotti għall-bini ma ntlaħaqx bis-sħiħ, u konsegwentement jistgħu jfeġġu diffikultajiet potenzjali fl-implimentazzjoni prattika tar-Regolament il-ġdid. Għalkemm ħafna mill-kwistjonijiet problematiċi ġew indirizzati fit-test finali tar-Regolament, il-Bulgarija tenfasizza t-tħassib tagħha dwar il-fattibbiltà u l-effettività tar-rekwiżiti relatati mal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi (inkluż l-introduzzjoni tal-kategoriji l-ġodda ta' operaturi ekonomiċi), il-qafas aġġornat ta' sorveljanza tas-suq u l-implimentazzjoni tas-sistemi l-ġodda ta' valutazzjoni u verifika.

F'dan il-kuntest, il-Bulgarija ma tistax taqbel u qed tastjeni fil-vot dwar il-verżjoni finali tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini."

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tilqa' r-Regolament il-ġdid għall-prodotti tal-bini.

Dan ir-Regolament huwa essenzjali biex tiġi ffaċilitata l-istandardizzazzjoni u biex jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, bl-għan li jiġi żgurat li fis-suq tal-Unjoni jiċċirkolaw biss prodotti sikuri u konformi.

Madankollu, ir-Regolament il-ġdid jirrikjedi sforzi sinifikanti kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi riżorsi adegwati f'waqthom biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament il-ġdid u biex l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri jingħataw għajnuna matul il-fażi ta' tranżizzjoni, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, li ser iġarrbu spejjeż addizzjonali biex jikkonformaw mal-istandards il-ġodda.

L-Ewropa ma tistax tkompli tiddependi minn sett ta' standards armonizzati li għandhom aktar minn 20 sena.

Fl-istess ħin, l-Italja tittama li l-appoġġ għall-innovazzjoni ser iwassal għal proċess b'inqas xkiel biex jiġi żgurat li f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jiġu kkwotati Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs) ġodda, billi dawn l-ispeċifikazzjonijiet m'għadhomx armonizzati."

**Dwar il-punt "B" nru 4:** **Regolament dwar il-prodotti għall-bini**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUNSILL U MILL-KUMMISSJONI**

"'Fir-rigward tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2006/112/KE: Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jivvalutaw il-ħtieġa li tiġi estiża d-definizzjoni ta' "bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti importati minn territorji terzi jew pajjiżi terzi" għall-provvisti ta' oġġetti minn imħażen doganali fl-UE fil-kuntest tan-negozjati li jmiss dwar il-proposta dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-IOSS (limitu ta' EUR 150), filwaqt li jitqiesu l-effetti possibbli ta' din l-estensjoni f'termini ta' evażjoni u frodi."

"Fir-rigward tal-Artikolu 262 tad-dokument 14961/24: Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jivvalutaw il-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT biex jiġi żgurat li l-Istati Membri li jużaw l-għażla prevista fl-Artikolu 262, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 2, li jippermetti li l-akkwirenti ta' merkanzija u r-riċevituri ta' servizzi jiġu esklużi mill-obbligu li jirrapportaw id-data dwar dawk it-tranżazzjonijiet transfruntieri, jipprovdu informazzjoni f'waqtha lill-Istat Membru tal-fornitur kull meta jkun meħtieġ. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, fejn ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva.'"

**DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUNSILL**

"'Fir-rigward tal-Artikolu 59c tad-dokument 14961/24: Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni fi żmien 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, tirrieżamina l-ammont u l-kamp ta' applikazzjoni tal-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 59c tad-Direttiva 2006/112/KE."

"Fir-rigward tal-punt uniku ta' servizz obbligatorju għall-importazzjoni: Il-Kunsill ser ikompli jaħdem fuq elementi oħra tal-proposta fir-rigward tal-inċentivi biex jintuża l-punt uniku ta' servizz fil-qafas tan-negozjati dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/11/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma' persuni taxxabbli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni (fajl interistituzzjonali numru 2023/0158 (CNS)) bil-ħsieb li jintlaħaq qbil malajr kemm jista' jkun."

"Fir-rigward tal-bidu tal-applikazzjoni: Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isfidi li l-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' rapportar iġġib magħha minn perspettiva tal-IT għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-persuni taxxabbli, b'mod partikolari l-SMEs. Għal dik ir-raġuni, huwa rrakkomandat approċċ fi stadji għall-implimentazzjoni tal-fatturazzjoni elettronika b'mod partikolari għall-Istati Membri li jintroduċu rekwiżiti ta' rapportar diġitali għall-valur meqjus ipprovdut u l-provvisti ta' merkanzija u servizzi magħmula bejn persuni taxxabbli fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu stadji konsekuttivi fl-implimentazzjoni tal-obbligu li jinħarġu fatturi elettroniċi għal tranżazzjonijiet domestiċi, għajr dawk koperti mir-rekwiżiti ta' rapportar diġitali transfruntier, abbażi tad-daqs tal-persuni taxxabbli kkonċernati, li jwasslu għad-dħul fis-seħħ madwar l-UE kollha tar-riforma fir-rigward tal-fatturazzjoni elettronika u r-rapportar elettroniku mill-1 ta' Lulju 2030.'"

**DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-istandard Ewropew għall-fatturazzjoni elettronika inizjalment ġie żviluppat għall-użu tiegħu fit-tranżazzjonijiet B2G (min-negozji għall-gvern). Qed isir xogħol fuq dan l-istandard biex jiġi żgurat li fi żmien qasir jibda jkopri l-ħtiġijiet kollha tal-B2B (minn negozju għal negozju). Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa li dan l-istandard jintegra r-rekwiżiti tan-negozju settorjali eżistenti li fihom in-negozji Ewropej diġà investew bil-kbir. Il-Kummissjoni se tivvaluta, qabel id-dħul fis-seħħ tal-obbligu li jintuża l-istandard Ewropew għat-tranżazzjonijiet intra-UE kollha, jekk dan ix-xogħol huwiex lest kompletament u se tipproponi l-miżuri tranżizzjonali meħtieġa jekk dan ma jkunx il-każ."

"Biex tipprovdi trasparenza sħiħa, il-Kummissjoni se tiġbor u tippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni tal-SMEs, kif previst fl-Artikolu 28a (4)."

**DIKJARAZZJONI MINN SPANJA**

"Spanja tappoġġa l-approċċ ġenerali rifless fil-proposta rigward il-mudell tal-fornitur preżunt previst fl-Artikolu 28a tad-Direttiva 2006/112/KE (id-Direttiva tal-VAT). Madankollu, hija tiddikjara r-rieda tagħha li tapplika tali mudell qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni, bħala miżura ta' simplifikazzjoni fil-ġbir tal-VAT u bħala mod kif tittejjeb il-ġlieda kontra l-frodi fil-VAT, kif previst fl-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT."